MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 410/2001/1

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc ga' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Douglas Bajada u Douglas Bajada f'ismu propju.**

**vs**

**Martin Cutajar u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2002 CAA Towlift and Services Co. Ltd kjamata in kawza u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2002 tirrevoka d-digriet tat-13 ta' Marzu, 2002 u Towlift and Services Company Limited kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta' LM728.08,0 (seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura CHR 158 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Douglas Bajada u dan billi fil-21 ta' Gunju 2000 go Hal-Qormi waqt li kellu l-vettura CHR 158 proprieta' ta' Douglas Bajada "on tow" bis-sewwieq Chris Bajada kkagonajt hsara igenti fuq l-istess vettura billi carrat il-parti ta' quddiem taghha u dan sar b'negligenza tieghu biss billi kellu jiehu hsieb li dawn l-affarijiet ma jigrux u dan meta hu kien qed jahdem fuq truck tac-CAA Towlift & Services Co. Ltd u ta' dan hu unikament responsabbli;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 2001, u bl-imghax tat-8% fuq LM728.08,0 mit-8 ta'Jannar, 2001 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez tal-ittra uffijcali tas-7 ta' Mejju, 2001, kontra Bonnici Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut Martin Cutajar;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Martin Cutajar datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi huwa ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-hsarat li gew ikkagunati fil-vettura numru CHR 158 propjieta ta' Douglas Bajada, u dana billi l-istess hsara giet ikkagunata minn Douglas Bajada stess li meta l-vettura tieghu kienet qed tigi rmonkata b'mod regolari mill-konvenut, huwa iddecida, minghajr l-ebda pre-avviz, jdahhal il-gear tal-karozza b'mod illi b'hekk waqqaf il-karozza u ikkaguna il-hsara fuq il-parti ta' quddiem li ccartet, u dana kollu kif sejjer jigi pruvat, anki permezz ta' xhieda, waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-konvenut, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni f'kawlunkwe kaz kif pretizi huma ghal kollox ezagerati, u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Mejju tas-sena 2002 li permez tieghu ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta' "C.A.A. Towlift & Services Company Limited";**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza fuq riferita datata l-20 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' esponenti m'ghandhix tigi kkundannata thallas l-ispejjez mitluba mis-socjeta' attrici stante li d-danni kkagunati fil-vettura CHR 158 saru minn sidha stess, Douglas Bajada, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi s-socjeta' esponenti fl-ebda mument ma kkagunat xi hsara lill-vettura msemmija u ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut minnha in linea ta' danni;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fil-21 ta' Gunju tas-sena 2000 ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu fl-area rizervata ghall-parkegg ta' vetturi f' Zammit Nursery, Hal-Qormi;**

**2. Illi jirrizulta li meta l-konducent tal-vettura tal-marka Citroen bin-numru ta' registrazzjoni CHR-158 mar fil-mixtla fuq riferita l-istess vettura waqfitlu u kien kostrett isejjah l-ghajnuna tas-socjeta' konvenuta biex tirmonka l-vettura tieghu biex tissewwa;**

**3. Illi l-konvenut Martin Cutajar impjegat tas-socjeta' kjamata in kawza fuq riferita mar fuq il-post biex jassisti lill-konducent sinistrat;**

**4. Illi peress li l-parkegg kien wiehed sotterran il-vettura kellha tigi irmonkata fuq rampa stante li kull sforz biex terga titqabbad il-magna ma rnexxiex;**

**5. Illi ghalhekk il-konvenut allacca l-"winch" tat-trakk tieghu mal-vettura sinistrata u l-konducent taghha Christian Bajada kellu jkun fiha biex jiggwidha;**

**6. Illi huma u jirmonkaw il-vettura de quo fir-rampa l-istess Bajada immanuvra l-vettura tieghu, skossjha u ikkaguna l-hsara meritu ta' dan il-kaz;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-att motrici tad-danni in dizamina kien proprju l-intervent ta' l-istess konducent li startja l-vettura tieghu meta din kienet f'sitwazzjoni fejn din il-manuvra kellha aktar probabbilita' li tkun nociva milli pozittiva;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**